



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-16 ta' Ottubru 2018

L-awditi li se jitwettqu fl-2019 se jiffukaw fuq sfidi ewlenin li l-UE qed tiffaċċja bħalissa, jgħidu l-awdituri tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) illum ippublikat il-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2019, li fih l-awdituri jippreżentaw fid-dettall il-prijoritajiet tal-awditjar tagħhom u r-rapporti li huma biĥsiebhom jipublikaw is-sena d-dieħla. Huma se jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet li jirriflettu l-isfidi li l-UE qed tiffaċċja bħalissa, u se jiffukaw dejjem aktar fuq l-eżaminar ta' jekk il-politiki u l-programmi tal-UE jilħqux l-oġġettivi tagħhom u jiksbox il-valur miżjud. L-awditi tagħhom se jindirizzaw preokkupazzjonijiet ewlenin, fosthom l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, it-tkabbir u l-inklużjoni, il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-iżvilupp globali, is-suq uniku, kif ukoll l-obbligu ta' rendikont u l-effiċjenza tal-UE.

L-awdituri għandhom l-għan li jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-iskema ta' rilokazzjoni ta' emerġenza għar-refuġjati u l-arranġamenti ta' kontroll fil-fruntieri, kif ukoll janalizzaw il-politika ta' difiża tal-UE, li għadha fl-istadji bikrija tagħha. Huma għandhom ukoll l-għan li jeżaminaw l-effettività tal-kura tas-saħħa transkonfinali, jiddeskrivu fil-qosor il-problemi fl-approċċ tal-UE għall-kejl ta' emissjonijiet tal-vetturi u janalizzaw jekk il-politiki tal-UE dwar il-klima u l-enerġija jagħmlux użu minn kriterji "ekoloġiċi" fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar liema investment għandu jitwettagħ. Il-prijoritajiet tal-awditjar tagħhom se jinkludu wkoll kompiti fl-oqsma tal-pestiċidi, tal-investimenti fl-infrastruttura tat-toroq li tikkollega r-reġjuni Ewropej, tal-finanzjament mill-UE fil-qasam tal-kultura u tal-għajjnuna mill-Istat għall-banek.

"Aħna se neżaminaw dawn l-oqsma kollha biex nistabbilixxu jekk l-UE hijiex qed twettaq dak li wiegħdet," qal il-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Klaus-Heiner Lehne. "Dan se jippermettilna li nkomplu niprovdu liċ-ċittadini tal-UE u lis-sħab istituzzjonali tagħna - kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri - rapporti indipendenti u oġġettivi dwar kwistjonijiet ewlenin għall-futur tal-UE, u li nenfasizzaw dak li jiffunzjona tajjeb u li niġbdu l-attenzjoni għal dak li ma jiffunzjonax kif suppost."

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-Programm ta' Ħidma għall-2019 ippublikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Il-programm ta' ħidma sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

Il-pubblikazzjoni ta' dan il-programm ta' ħidma qed isseħħ fi żmien importanti għall-UE, fil-kuntest tan-negozjar tal-pjan futur tagħha ta' nfiq fuq terminu twil għas-snin mill-2021 sal-2027, li se jkun jeħtieġ li jiġi adottat sa tmiem l-2019. Is-sena d-dieħla se tkun ikkaratterizzata wkoll mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, mill-elezzjoni ta' Parlament Ewropew ġdid u minn Kummissjoni ġdida.

Il-programm jipprovdi aktar informazzjoni dwar madwar 35 rapport speċjali u prodotti analitiċi oħra li l-awdituri huma mistennija li jipubblikaw fl-2019. Dawn ir-rapporti huma prinċipalment riżultat tal-awditi tal-prestazzjoni, li huma jagħżlu abbażi tal-valutazzjoni li jwettqu tar-riskji prinċipali fir-rigward tal-infiq tal-UE u t-twettiq tal-politiki.

Barra minn hekk, l-awdituri jipubblikaw ir-rapporti annwali tagħhom dwar il-baġit tal-UE, dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u dwar l-aġenziji u l-impreżi konġunti tal-UE, kif ukoll jipprovdu opinjonijiet dwar id-drittijiet tal-UE, kemm ġodda kif ukoll aġġornati, b'implikazzjonijiet finanzjarji.

Noti lill-Edituri

Il-baġit annwali tal-UE huwa ta' madwar EUR 140 biljun. Dan jikkorrispondi għal madwar 1 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-Istati Membri kollha tal-UE, jew madwar 2 % tal-infiq totali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom.

Ir-rwol tal-QEA bħala l-awditur indipendenti estern tal-UE huwa li tivverifika li l-fondi tal-UE jinġabru u jintnefqu skont ir-regoli, jiġu kontabilizzati b'mod korrett, u jiksbu r-riżultati b'mod effettiv u effiċjenti. Ir-rapporti tal-awditjar u l-opinjonijiet tagħha huma element essenzjali tal-katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE u jgħinu liċ-ċittadini biex jifhmu aħjar il-mod kif l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jirreaġixxu għall-isfidi attwali u dawk tal-futur.

Il-Programm ta' Ħidma għall-2019 huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.